**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 639 / 2021**

**Il-Pulizja**

**-vs-**

**Joseph Spiteri**

Illum 4 ta' Settembru, 2023

Il-Qorti;

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, Joseph Spiteri detentur tal-karta tal-identita' Maltija 4863G, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali:

> Talli fil-25 ta' Settembru, 2021 għal ħabta tas-17:10 hrs fi Triq Imġarr, Xewkija, meta kont issuq mutur bin-numru tar-reġistrazzjoni CCN107 ta' għamla Honda:

1. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħek jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġunajt ħruq jew għamilt xi ħsara jew ikkaġunajt ħsara involontarja fuq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni KBW 354 ta' għamla Dacia għad-dannu Robert Borg.

Illi b'deċiżjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-19 ta' April, 2023, wara li rat l-imputazzjonijiet, rat id-dokumenti, semgħet il-provi, qatgħet u ddeċidiet il-kawża billi wara li rat l-Artikolu 328(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni mressqa fil-konfront tiegħu u kkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' tlett mitt ewro (EUR 300);

Illi r-rikorrenti ħass ruħu aggravat minn din id-deċiżjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti u minnha qiegħed jinterponi dan l-umli appell quddiem din l-Onorabbli Qorti tal-Appell;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar id-19 ta' April, 2023, fejn il-Qorti sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni mressqa fil-konfront tiegħu u kkundannatu għal ħlas ta' multa ta' (EUR 300) tlett mitt ewro.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Joseph Spiteri, preżentat fir-Reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-5 ta' Mejju, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċizjoni appellata fejn sabitu ħati tal-akkuża, u konsegwentement tillibera lill-istess appellant mill-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu.

Rat l-aggravji tal-appellant Joseph Spiteri li huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u ċioe':

**L-AGGRAVJI**

**Apprezzament żbaljat tal-provi u responsabbilta' tal-inċident**

Illi l-aggravju tal-appellant huwa wieħed ċar relattiv għar-responsabbilta' tal-inċident li jirrigwarda partikolarment il-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tagħmel analiżi korretta tal-fatti kollha enunċjati quddiemha u sabet li l-appellant huwa wkoll responsabbli għall-inċident de quo.

Illi fl-ewwel lok, l-esponenti jippreċiza illi kienet korretta l-Ewwel Qorti meta fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet **Pulizija vs Marlene Borg** mogħtija kontestwalment ma' din is-sentenza appellata meta sabet li l-maggior parti tar-responsabbilta' hija tal-*parte civile* f'dawn il-proċeduri u ċioe' ta' Marlene Borg;

Dan qiegħed jingħad b'referenza għall-provi miġjuba quddiem il-Qorti b'mod partikolari r-riżultanzi tal-inċident. Jiġi sottolineat illi kif jidher ben ċar mir-ritratti u mill-okkorrenza, il-ħsara li ġarrbet il-vettura li kienet qed issuq il-*parte civile* u l-mutur li kien qiegħed isuq l-appellant jinkwadraw li l-inċident seħħ unikament minħabba nuqqasijiet da parti ta' Marlene Borg. Dan peress li jirriżulta li l-ħsarat kienu jibdew min-naħa ta' wara tal-vettura li kienet qed issuq Borg, kif ukoll in vista li t-*tyre* tan-naħa tas-sewwieq spiċċa nfaqa'. Dan jikkorrobora l-verżjoni tal-appellant meta jgħid li spiċċa mkaxkar diversi metri qabel ma twaqqfet il-vettura minn Borg. Dan kollu bil-konsegwenza li ġew ikkawżati ġrieħi gravi fuq il-persuna tal-appellant.

Illi apparti hekk, il-manuvri li għamel l-appellant kienu leġittimi u regolari meta kien qiegħed jagħmel manuvra ta' *overtaking*. Min-naħa l-oħra kienet Marlene Borg li naqset milli tieħu l-prekawzjonijiet kollha neċessarji u ostakolat il-linja tat-traffiku meta kienet hi li daħlet fil-linja li kien qiegħed jagħmel użu minnha l-istess appellant.

Illi konsengwentement, l-esponenti appellant ma kellux jinżamm responsabbli ta' dan l-inċident. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk l-esponenti huwa tal-fehma li l-ewwel Qorti naqset milli tagħmel analiżi akkurata tal-provi prodotti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-każ.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw il-kawża u dan fis-seduta tat-30 ta' Ġunju 2023.

Ikkunsidrat:

lli fl-aggravju mressaq mill-appellant, huwa jikkritika l-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti u dan meta jgħid illi ma kien hemm l-ebda prova li s-sewqan tiegħu kien wieħed negliġenti, traskurat jew bla ħsieb. Din il-Qorti tirribadixxi illi huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi eżerċitata mill-ewwel Qorti iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx raġjonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk, iżda, din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura din tkun raġuni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konklużjoni. F'dan il-kuntest wieħed jista' jara s-segwenti sentenzi:

**Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi** deċiża fl-14 ta' Frar, 1989;

**Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace** deċiża fil-31 ta' Mejju, 1991;

**Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul** deċiża fit-12 ta' Mejju, 1994;

**Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech** deċiża fis-6 ta' Ġunju, 1994;

**Il-Pulizija v. Carmelo Schembri** deċiża fit-28 ta' April, 1995;

**Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed** deċiża fit-3 ta' Novembru, 1995; u

**Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef** fit-18 ta' Marzu, 2010;[1]

kollha appelli kriminali.

Illi din il-Qorti trid teżamina l-provi mressqa sabiex tara jekk l-Ewwel Qorti għamlitx ġudizzju ħażin fid-deċiżjoni tagħha.

Il-prosekuzzjoni ppreżentat waqt is-seduta tal-25 ta' Frar, 2022 (fol. 5) l-affidavit ta' **PC 820 Jonathon J Vella**. Dan spjega li fil-25 ta' Settembru, 2021 għall-ħabta tal-5.10 p.m ġew infurmati li kienet għada kemm seħħet ħabta fi Triq l-Imġarr, Xewkija fejn l-istabbiliment ta' Caruana u kien hemm l-imweġġgħin u għalhekk infurmaw l-ambulanza u marru minnufih fuq il-post.

Minn stħarrig li sar irriżulta li waqt li l-vettura KBW 354 misjuqa minn Marlene Borg kienet qed tinstaq fi Triq l-Imġarr mir-Rabat lejn l-Imġarr li kienet ser tikser fuq il-lemin għal Triq it-Taflija mutur CCN 107 misjuq minn Joseph Spiteri li kien qed isuq ukoll fi Triq l-Imġarr direzzjoni mir-Rabat lejn l-Imġarr ukoll kien qed jaqla' (*overtaking*) il-vetturi. X'ħin bdiet tikser lejn il-lemin sar l-impatt. Joseph Spiteri spiċċa weġġa' u ttieħed l-isptar b'ambulanza. Ta' min jinnota li hemm xhud Marchin Depczynski li kien wara l-vettura KBW 354 misjuqa minn Marlene Borg li ra kollox u dan ġie mitkellem mill-pulizija li waslu fuq il-post iżda wara li ħadulu d-dettalji telaq għax kien mgħaġġel. Allura l-verżjoni ma laħqitx ittieħdet minnu u pprova jagħmel kuntatt miegħu iżda kien għalxejn. Joseph Spiteri ġie ċertifikat minn Dr S Vella li sofra minn ġrieħi gravi.

Ħa wkoll il-verżjoni ta' Joseph Spiteri fejn dan stqarr ex admisses *'kont sejjer lejn Ghajnsielem u kont qed naqalha. F'daqqa wahda kisret ghal fuqi ghax kienet ser titla lejn ta' Magro.'* Ħa wkoll il-verżjoni ta' Marlene Borg fejn din stqarret fi kliemha **'***Xeghelt l-*

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Ġunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Diċembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Diċembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

*indiator* biex *nikser lejn lemin kien hemm vettura warajja u waqaf. X'hin bdejt nikser gie mutur minn wara minn x'imkien, jaqla mill-lemin u habat fija fil-genb'.* Ta' min jgħid li kemm il-vettura kif ukoll il-mutur ġarrbu ħsarat fejn dawn ġew imniżżla fuq ir-rapport li tħejja minnu u li ġie mmarkat bħala dok JVC1. Saret ukoll sketch tal-ħabta fejn ġiet markata bħala dok JV2**.**

Rat ix-xhieda ta' **Saviour Farrugia** mogħtija nhar il-15 ta' Marzu 2022 fejn ikkonferma li l-mutur tal-għamla Honda bin-numru ta' reġistrazzjoni CCN 107 qiegħed reġistrat fuq Joseph Spiteri u ilu hekk reġistrat fuqu sa mit-3 ta' Mejju, 2019 kif jindika d-dokument esebit u markat bħala dok JS1.

Robert Borg xehed nhar il-15 ta' Marzu 2022 u kkonferma li jiġi r-raġel ta' Marlene Borg u sid il-vettura tal-għamla Dacia bin-numru ta' reġistrazzjoni KBW 435 ta' kulur bajda. Jgħid li martu Marlene kienet involuta f'inċident awtomobilistku fi Triq ix-Xatt, Xewkija. Jgħid li l-vettura li hija reġistrata fuqu għandha daqqa u faxxa fuq il-ġenb tal-lemin kollu li jrid jinżeba u l-fanal huwa miksur. Huwa esebixxa tlett ritratti markati Dok RB 1 sa Dok RB3 dwar il-ħsarat subiti fuq il-vettura tiegħu. Mistoqsi min ġibed dawn ir-ritratti jgħid li huwa stess dakinhar tal-inċident għaliex kien mar fuq il-post tal-ħabta.

**Marchin Depzcynski** xehed nhar it-28 ta' Ġunju 2022 u spjega li kien qed isuq minn Victoria sejjer lejn ix-Xewkija. Kien hemm karozza quddiemu li għamlet l-indicator li kienet ser iddur għan-naħa tal-lemin tagħha biex tmur lejn il-fabbrika ta' Magro. Jgħid li l-vettura kienet żgħira x'aktarx Toyota. Muri d-dokument RB1 u RB1A u jgħid li dik hi l-vettura li kien ra dakinhar tal-inċident. Jispjega li warajh kien hemm mutur viċin ħafna tiegħu xi tlieta jew ħames metri 'l bogħod warajh. Ra li s-sewwieq tal-mutur kien qed jipprova jagħmel manuvra tas-sorpass. Imbagħad il-karozza ta' quddiemu bdiet tibbrejkja u hu għamel l-istess u s-sewwieq tal-mutur beda l-manuvra tas-sorpass. Il-vettura l-bajda bdiet iddur lejn il-lemin tagħha u s-sewwieq tal-mutur baqa' dieħel ġo fiha. Jgħid li fit-triq kien hemm linja bajda dritt li tfisser li ħadd ma seta' jagħmel manuvra ta' sorpass.

In kontro-eżami jgħid li kien qed isuq Land Rover u kien wara l-karozza l-bajda u l-mutur kien warajh. Mistoqsija jekk il-vettura l-bajda waqfitx qabel ma daret lejn il-lemin jgħid li iva waqfet. Jgħid li s-sewwieq tal-mutur beda jagħmel il-manuvra tas-sorpass appena beda jnaqqas l-i*speed* hu. Huwa kien xi tletin metru wara l-karozza l-bajda. Il-mutur għalhekk kien bejn 30 u 35 metru wara l-karozza l-bajda. Muri pjanta markata bħala dok JG meħuda mill-google maps jgħid li l-linja tan-nofs hija cut mhux continuous iżda mhux dik il-parti minn fejn għamel is-sorpass is-sewwieq tal-mutur. Dik kienet continuous.

**Marlene Borg** xehdet nhar id-9 ta' Diċembru, 2022 u tikkonferma li nhar il-25 ta' Settembru 2021 għall-ħabta tal-5.00p.m kienet involuta f'inċident awtomobilistiku. Tgħid li kienet għaddejja fi Mgarr Road mir-Rabat għax-Xewkija u riedet tikser għal Triq it-Taflija. Għalhekk għamlet l-*indicator* u l-vettura ta' warajha bdiet tisslowja wkoll biex ittiha ċans tikser għal fuq dik il-biċċa tan-nofs fejn biex tkun tista' tikser 'il fuq. Riedet titla' biex tmur lejn il-fabbrika ta' Magro. Ħarset minn ġol-mera u rat li ma kien ġej ħadd u marret f'dik il-biċċa tan-nofs. Rat li mil-linja opposta ma kien ġej ħadd, reġgħet ħarset fil-mirja u ma kien hemm ħadd u kisret u appena kisret kienet kważi ser toħrog mil-linja opposta tisma' taħbita u waqfet dak il-ħin. It-taħbita ħassitha fuq in-naħa tagħha tas-sewwieq. Tgħid li l-mutur tkaxkar mal-karozza kollha. Tgħid li kellha t-tieqa miftuħa u parti mill-fanal daħal minn ġot-tieqa li kellha. Dak il-ħin waqfet, niżlet mill-karozza u rat mutur maqlub mhux 'il bogħod ħafna minnha u s-sewwieq tal-mutur kien ħdejh bilwieqfa jżomm idejh. Imbagħad is-sewwieq mexa lejn il-bankina u kienet hi stess li ċemplet l-ambulanza għaliex fil-fehma tagħha u hija infermiera s-sewwieq kellu bżonn xi punti.

Mal-mument tal-ħabta tgħid li kienet ġja kisret u kienet fil-karreġġjata opposta. Murija dok RB1 u dok RB2 tikkonferma li hija l-vettura tagħha. Hija esebiet ir-rapport tas-surveyor li ġie markat bħala dok BM1.

Mistoqsija in kontro-eżami jekk jistax ikun li hija ma ndunatx bl-inċident iżda kien wara li mxiet diversi metri li ndunat tgħid li mhux minnu. Tgħid li l-impatt seħħ appena daret. Tikkonferma li b'effett tal-inċident it-tyre infaqgħalha. Il-ħsara kienet minn fejn il-bieba tagħha sa wara. L-impatt sar fuq in-naħa ta' wara fuq il-fanal u mat-tyre. Esebiet ukoll ritratt tat-tyre li ġie markat bħala dok BM2 li jidika r-rim mgħattan.

L-appellant **Joseph Spiteri** xehed minn jeddu nhar id-9 ta' Diċembru 2022 u spjega li kien fil-25 ta' Settembru, 2021 meta kien sejjer lejn l-Imġarr u x'ħin kien għadu fejn il-Vinyard kien hemm żewġ vetturi quddiemu u mill-faċċata ra li ma kien hemm ħadd u ddeċieda li jaqbiżhom min-naħa tal-lemin. Jgħid li qabeż waħda u kien għamel il-kalkoli tiegħu li ħa jilħaq jaqbiżhom it-tnejn u jaf ukoll li hemmhekk jista' jiksirlek xi ħadd 'il quddiem għal fejn ta' Magro. Jgħid ukoll li kien jaf li hemm kaxxa għal meta xi ħadd ikun ser jaqsam. Jgħid li pero' appena wasal maġenb is-Sinjura Borg din daret u kisret għal fuqu. Jgħid li kien wasal f'nofs il-vettura meta daret għal fuqu. Ħass l-impatt fl-għaksa ta' jdejh ix-xellugija. Il-karozza qabditu u mexa diversi metri magħha mwaħħal. Jgħid li appena s-Sinjura Borg indunat żammet il-brejk, inqala' minn magħha u ħareg jitkaxkar quddiemha. Jiġifieri l-inċident sar qabel għax hu tkaxkar ħafna bil-mutur. L-istand tal-mutur tiegħu daħal fir-rota ta' wara tagħha tal-lemin. Kien biss meta ħadet brejk li nqala' minn magħha. Jgħid li s-Sinjura Borg indunat bl-inċident x'ħin sparalha t-tyre. Jgħid li l-inċident kien spiċċa meta kienet għada lanqas waslet fejn kellha tieqaf biex iddur għal fejn ta' Magro.

Jikkonferma li l-mutur tiegħu huwa tal-għamla Honda u għandu numru ta' registration CCN 107 u bħala riżulat tal-inċident kellu ħsara konsistenti fi brix. Qal li *survey* m'għandux pero' qalulu li għandu ħsara ta' bejn disa' mitt euro u elf euro. Jgħid li beda jaqla' lil Marlene Borg meta kien ftit 'il fuq mill-Vinyard fejn kien hemm il-linji maqsuma fit-triq. Jgħid li meta beda l-manuvra tas-sorpass ikkalkula li seta' jaqbeż żewġ vetturi u dan anke in vista tal-fatt li mill-faċċata ma kien ġej ħadd. Jgħid li ma rax l-indicator ta' Marlene mixgħul u dan jista' jkun għaliex kien hemm vettura bejniethom. Jgħid li lanqas ma ħass li l-vettura ta' quddiemu kienet isslowjat. Jiċħad li l-vettura ta' Marlene kienet fuq il-kaxxa meta ġie biex jissorpassa. Jgħid li Marlene ma kisritx f'salt iżda bdiet tiġbed għal fuqu.

Rat l-iskizz esebit a fol. 15 dok JV2 u minn eżami tal-istess jirriżulta li l-vettura ta' Marlene Borg hija angolata lejn il-lemin tagħha dieħla fit-triq fuq il-lemin tagħha u

għandha daqqa fuq il-ġenb tagħha lejn in-nofs fin-naħa tal-lemin. Il-mutur tal-appellant jinsab aktar 'il quddiem il-vettura ta' Marlene Borg fuq il-lemin tagħha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-appellant ġie akkużat bir-reat kif dispost fl-artikolu 226 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioe' talli b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni u b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolameti ikkaġuna ħruq jew għamel xi ħsara jew ikkaġuna ħsara involontarja fuq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni KBW 354 ta' għamla Dacia għad-dannu ta' Robert Borg.

Issa minn qari tad-deċiżjoni appellata jirriżulta illi l-Ewwel Qorti straħet fuq il-verżjoni tal-fatti mogħtija mis-sewwieq tal-vettura Marlene Borg u x-xhud barrani Marchin Depzcynski li kien wara Marlene Borg meta seħħ l-impatt u li ra l-manuvra tal-appellant.

Prinċipju li fuqu huwa msejjes it-trepod tal-culpa u ċioe' l-volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previżjoni tal-effetti dannużi ta' dak l-att u l-possibbilta' ta' previżjoni ta' dawk l-effetti dannużi. Jekk l-effetti dannużi ma kinux prevedibbli, ħlief b'diliġenza straordinarja, li l-liġi ma tesiġix, u li semmai tista' ġġib culpa levissima li ma hijiex inkriminabbli, ma hemmx ħtija.

L-**Antolisei,** iżid ma' din it-teorija tal-prevedibbilita' tal-azzjoni miġjuba 'l quddiem mill-Carrara u adottata mill-Professur Sir Anthony Mamo, meta jqis illi tirriżulta l-culpa kull meta jkun hemm in-nuqqas tal-osservanza tar-regoli tal-komportament, anki jekk l-event dannuż ma kienx wieħed prevedibbli u dan billi l-osservanza ta' dawn ir-regoli jwassal sabiex l-event dannuż ma jseħħx:

> "*Si tratta di regole di condotta volte a prevenire determinati accadimenti; tali regole possono essere sociali (negligenza imprudenza o imperizia) oppure giuridiche (regolamenti, ordini discipline). Quindi occorrono due requisiti: a) la violazione di una regola; b) che l'evento provocato sia esattamente quello che la norma voleva evitare. In definitiva il giudizio di rimprovero è un rimprovero per leggerezza, perché il soggetto non è stato cauto e diligente come doveva.*"

Awturi oħra bħal Mantovani u l-Padovani jabbinaw din ir-regola tal-Antolisei mar-regoli tal-prevedibbilita' u l-inevitabbilita' biex b'hekk il-culpa fil-fehma taghom tinkwadra ruħha f'erba' elementi:

> *1. un requisito oggettivo consistente nella violazione di una regola di condotta;*
>
> *2. un requisito soggettivo, cioè la capacità di osservare tale regola;*
>
> *3. l'evitabilità dell'evento mediante l'osservanza di tale regola;*
>
> *4. la prevedibilità ed evitabilità, cioè che il soggetto avesse la capacità o la possibilità di tenere un comportamento diverso*[2].

Dak illi għandu jiġi determinat kwindi huwa jekk l-event kienx wieħed fortwit, jew jekk kienx hemm sitwazzjoni ta' *emergenza subitanea,* tant għalhekk illi l-event dannuż ma seta' qatt jiġi evitat anke jekk bl-eżerċizzju għoli ta' diliġenza u bl-osservanza tar-regoli kollha tal-imġieba xierqa fit-triq. Sitwazzjoni bħal din ċertament teskludi kull forma ta' negliġenza, imprudenza, traskuraġni jew non-osservanza tar-regoli ta' komportament mistennija, fit-termini ta' dak li jfassal l-Antolisei sabiex jistabbilixxi l-kolpa.

Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet ta' dritt allura għandu jiġi determinat jekk is-sewqan prudenti li jsegwi r-regoli tal-komportament mistennija fit-triq kellux iwassal lill-appellant sabiex jinduna bil-preżenza tal-vettura li kienet quddiemu qabel ma beda jagħmel il-manuvra ta' sorpass jew inkella jekk l-aġir tal-parti leża wassalx sabiex joħloq emergenza fit-triq tant illi l-appellant la seta' jipprevedi li dan ser jitfaċċa fit-trajettorja tiegħu u wisq anqas allura seta b'xi azzjoni evażiva tempestiva jipprevjeni l-kolliżjoni.

Illi jidher li dan l-inċident inqala' proprju meta l-appellant kien qed isuq mutur u kien qed jaqla' l-vettura tal-parte civile misjuqa minn martu. Għalhekk l-appellant kellu numru ta' doveri qabel ma għamel il-manuvra ta' surpass li wassal għall-inċident.

Ħarsa lejn il-**High way code** jipprovdi s-segwenti:

---

[2] http://www.altalex.com/documents/altalexpedia/2016/02/17/colpa

*181. Qatt taqla' vettura oħra qabel MA TKUN ĊERT li tista' tagħmel dan mingħajr periklu għalik jew għal ħaddiehor*

*Aqla min-naħa tal-lemin*

*182. Din ir-regola mhux neċessarjament tapplika fiċ-ċirkustanzi li ġejjin:*

*• Meta min ikun isuq vettura quddiemek ikun għamel sinjal li se jdur fuq il-lemin u tkun tista' taqilgħu bla periklu mix-xellug mingħajr ma tkun ta' inkonvenjenza għat-traffiku l-ieħor, jew meta tkun se tidħol ġo xi trejqa fuq ix-xellug.*

*183. Qabel ma taqla' agħmel is-sinjal xieraq, żomm distanza tajba iżda mhux eċċessiva mill-vettura li tkun qed taqla' u ħu postok fil-mogħdija, jew naħa tat-triq adattata, kemm jista' jkun malajr wara li tkun qlajt. Tidħolx f'daqqa quddiem il-vettura li tkun għadek kemm qlajt.*

*184. TAQLAX VETTURI OĦRA meta tkun qed tavviċina*

*ommisses*

*• triq li tagħqad m'oħra*

*Ommisses*

Mix-xhieda mogħtija mill-appellant stess jirriżulta li huwa kien jaf li l-post fejn kien ser jagħmel il-manuvra kien perikoluż u dan għaliex kien jaf li kien hemm trejqa għal-lemin tiegħu u li hemm ħafna vetturi li jaqsmu għaliha. Jgħid ukoll li għamel il-kalkolu tiegħu li seta' jaqbeż żewġ vetturi minkejja li kien jaf li kien hemm triq sekondarja fuq il-lemin tiegħu li tinfed għat-triq minn fejn kien għaddej. Jgħid li bejnu u bejn il-karozza li daħal fiha kien hemm vettura oħra u għalhekk ma rax l-indicator tal-ewwel karozza li spiċċa maħbut magħha. Jgħid ukoll li huwa beda l-manuvra ta' sorpass meta kien għaddej u fit-triq kien hemm linja bajda maqtugħa. Dan pero' hu miċħud mix-xhud barrani Marchin Depzcynski li jgħid li l-appellant qabad u għamel il-manuvra ta' sorpass meta kien hemm linja bajda u kontinwa.

Min-naħa l-oħra jirriżulta li Marlene Borg kienet qed issuq quddiem Marchin Depzcynski u f'ħin minnhom riedet iddur lejn Triq It-Taflija. Għalhekk għamlet l-indicator għal-lemin u sslowjat sakemm waqfet. Tgħid li ħarġet u daret lejn il-lemin tagħha wara li ħarset fil-mera u ma rat lil ħadd ġej minn warajha u lanqas minn quddiemha mid-direzzjoni opposta. Dan il-fatt hu konfermat minn Marchin Depzcynski li kien qed isuq warajha u jgħid li kien hu li sslowja wkoll meta ra l-indicator tagħha u ħass li kienet qed tisslowja.

Illi ġie stabbilit diversi drabi illi l-manuvra li kien qed jagħmel l-appellant fil-mument tal-inċident u ċioe' dik ta' overtaking jew sorpass hija waħda perikoluża u li wieħed m'għandux jagħmilha jekk mhux wara li jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa u jassikura li b'din il-manuvra hu ma jkunx sejjer ikun ta' periklu għall-utenti tal-istess triq. Ftakar li:

> Never overtake unless you are SURE that you can do so without danger to yourself or others………… (Paragrafu 72 Highway Code). A rider is entitled to assume he can overtake without danger if what he is overtaking gives not the slightest sign of any unexpected maneovre.

L-appellant żbalja u kien ferm negliġenti fil-manuvra ta' sorpass illi għamel, speċjalment meta kien jaf li kien qiegħed joqrob lejn ħruġ għal side road u ma ħax il-prekawzjoni li seta' kien hemm vettura li ser iddur kif fil-fatt ġara, kif ukoll filwaqt li kien jaf, jew messu kien jaf, bl-indicators li kienet xegħlet il-parte ċivile. Infatti l-Highway Code jitkellem bl-iktar mod ċar kontra l-manuvra tal-appellant: Regola 74 DO NOT OVERTAKE when approaching…. (ii) a road junction…..IF IN DOUBT HOLD BACK.

L-appellant naqas serjament meta ma tax każ tal-indicator lights tal-parte ċivile, u ma mexiex bi speed tali li seta' jwaqqaf tempestivament il-vettura tiegħu fejn l-istess kaxxa f'nofs it-triq meta kien jaf li jkun hemm ħafna karozzi li jiddipartixxu mit-Triq l-Imġarr biex jidħlu lejn il-fabbriki.

Fil-kawża **Clarke vs Winchurch**[3] ġie ritenut li "a cyclist or moped rider is entitled to overtake stationary traffic but to do this warrants a very high degree of ease and he must ride in such a way that he can immediately deal with an emergency."

**Alfred Zammit Cutajar noe vs Joseph Formosa et**[4] irriteniet illi: Id-driver ta' karozza li jiġi biex jissorpassa karozza oħra għandu jkun żgur, qabel ma jagħmel dik il-manuvra, illi jista' jagħmilha b'sikurezza.

Skont sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni penali fl-Italja[5]:

> *in tema di circolazione stradale, il conducente che si accinga ad eseguire manovra di svolta a sinistra in area di crocevia, ha obbligo di ispezionare la strada retrostante, onde rendersi conto della eseguibilita' della manovra "de qua" senza creare pericoli nei riguardi di altri utenti ancorche' versanti in situazione di illegittimita (sottolinear tat-Tribunal) quale quella di chi esegue un sorpasso in prossimita di crocevia. Tale obbligo di prudenziale ispezione dello spazio retrostante, sussiste, a maggior ragione nel caso in cui il veicolo svoltante riprende la Marcia partendo da posizione di quiete, pur se determinate da necessita' di traffico, come la concessione di precedenza ad altri veicoli (fattispecie di infortunio verificatosi in prossimita' di crocevia, a causa dell'urto di un moticiclista contro un automobile il cui conducente, dopo essersi fermato per accordare la precedenza ai veicoli provenienti dalla sua destra, riprese la marcia svoltando a sinistra senza avvedersi, per non avere ispezionato la strada retrostante, del sopraggiungere della veloce motocicletta che, imprudentemente eseguiva il sorpasso. La Corte ha ritenuto legittimo l'addebitamento di concorso di causa e di colpa ai danni dell'automobilista).*

Illi jidher biċ-ċar li s-sewwieq tal-mutur kellu nuqqas ta' proper lookout. Jidher li huwa ma ħax deċiżjoni tajba meta ddeċieda li jissorpassa żewġ karozzi meta kien qed javviċina secondary road fuq il-lemin tiegħu u meta hu stess jgħid li jaf li hemmhekk

---
[3] (1969 1 Acl Er 275)(1969) 1 WLR 69,112 Sol Jo 909 CA)
[4] XLV, 253) Appell, 26.06.1961
[5] sez. IV, 30.05.1989

jidħlu ħafna karozzi. Inoltre l-appellant messu kien ċert tal-manuvra tal-ewwel karozza u ċioe' dik bajda tas-Sinjura Marlene Borg qabel ma avviċinaha. Il-fatt li huwa ma setax jara din il-vettura minħabba l-vettura Land Rover li kien hemm quddiemu jfisser li messu qagħad aktar attent bil-manuvra li għamel. Din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li l-inċident seħħ tort uniku tal-appellant u għalhekk qegħda tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti in toto kemm fir-rigward ta' ħtija kif ukoll fir-rigward tal-piena imposta.

(ft) Consuelo Scerri Herrera
**Imħallef**

(ft) Mary Jane Attard
**Deputat Reġistratur**

Vera Kopja

Għar-Reġistratur